141

Rikors tar-Reverendu Kanonku David Cilia
Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta

Lill-Eċċellenza Tiegħu
Monsinjur Charles J Scicluna
Arċisqof ta' Malta

18/2025

Eċċellenza,

Ir-rikorrent jesprimi bir-rispett:

li fil-parrokat tiegħu qed ikun kostrett jagħti attenzjoni lill-ħafna artifatti ta' arti li jinsabu fil-Kolleġġjata li minħabba l-mogħdija ta' żmien ikollhom bżonn konservazzjoni u ħafna drabi restawr ukoll;

li huwa jixtieq jieħu opportunita' ta' fondi maħruġa mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali flimkien mal-Kunsill Malti ta' l-Arti, liema sejħa tagħlaq fit-28 ta' Jannar 2025;

li huwa diġa xeħet l-applikazzjoni mal-Kummissjoni Patrimonju Kultura Kattolika għall-evalwazzjoni tagħhom;

li l-Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata tagħna, Dun Charles Vella, huwa restawratur rikonoxxut b'warrant 040 u li jaħdmilna bi prezz ridott ħafna bħala parti mill-Kapitlu;

għaldaqstant:

Ir-rikorrent jitlob lill-Eċċellenza Tiegħek tapprova r-restawr u l-konservazzjoni tal-inkwadru u l-lunetti tal-altar ta' San Krispin u San Krispinjanu bil-fondi tal-Kunsill Malti ta' l-Arti.

Kan David Cilia

Arċipriet

10 ta' Jannar 2025

SIGILLUM COLLEG. ET PAR. ECCL. S. PAULI AP. NAUF. VALLETTAE

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
illum 11 ta' Jannar 2025
Charles Buġeja, Kanċillier

**Il-Kurja tal-Arċisqof**
**P.O. Box 1,**
**Il-Furjana FRN 1520.**
**Malta.**

**18/2025**

## DIGRIET

Nilqgħu t-talba tar-Reverendu Kanonku Dun David Cilia, Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, rikorrent, fit-termini tar-relazzjoni tal-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 31 ta' Jannar 2025.

(ft) Charles Bugeja
Kanċillier

(ft) ✠ Joseph Galea Curmi
Isqof tit. ta' Cebarades
Vigarju Ġenerali

Kopja tal-oriġinal
Illum, 31 ta' Jannar 2025

Fr. Charles Bugeja ____________ Kanċillier

27 ta' Jannar 2025

**Prot. N. 18/2025 - Parroċċa Il-Belt Valletta (SP)**
**Restawr u Konservazzjoni tal-inkwadru u l-lunetti tal-altar ta' San Krispin u San Krispinjanu**

Għażiż Dun Charles,

Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan il-proġett ta' restawr.

Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Isem tal-Parroċċa / Entita'** | Parrocca San Pawl Nawfragu, Valletta - Restawr ta' artefatti li jinsabu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu | | | |
| **Numru tar-Rikors** | 018/2025 | | | |
| **Numru tad-Digriet** | 041/2025 | | | |
| **Data tad-Digriet** | 31 ta' Jannar 2025 | | | |
| **Digriet** | | € 10.00 | ☐ | € 0.00 |
| **Digrieti dwar proġett** | | | | |
| | | Valur tal-Proġett | | |
| Bejn €5,000 u €50,000 | 0.50% | €15,000.00 | | € 75.00 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 0.40% | | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.30% | | | € 0.00 |
| **Digrieti ta' Sanazzjoni** | | | | |
| | | Valur tas-Sanazzjoni | | |
| Bejn €5,000 u €50,000 | 1.50% | | | € 0.00 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 1.20% | | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.90% | | | € 0.00 |
| | | | | € 75.00 |

Numru tal-Call A/c ____________________

Numru tar-Riċevuta ____________________

L-ispejjeż tad-Digriet se jittieħdu mill-*call account.*

Fr. Charles Bugeja

Fr Charles Bugeja
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS